Game Management Authority

Maltese| Malti

FULJETT TAL-FATTI

# L-Istaġun tal-Kaċċa għall-Papri għas-sena 2019

## Limitu tal-kaċċa li jista' jitpoġġa f'borża, it-tul tal-istaġun u l-ispeċi tat-tjur

Fis-sena 2019, it-tul tal-istaġun tal-kaċċa tal-papri u l-limitu tal-kaċċa li jista' jitpoġġa f'borża tnaqqsu u l-kaċċa għall-Papru b'Munqar Wiesgħa u Ġewnaħ Ikħal (Blue-winged Shoveler) mhix ser tkun permessa.

- Il-limitu tal-kaċċa li jista' jitpoġġa f'borża hu erba' (4) papri tal-kaċċa kuljum matul l-ewwel tmiem tal-ġimgħa u ħames (5) papri tal-kaċċa kuljum għall-bqija tal-istaġun.
- Il-**Blue-winged Shoveler** mhux permess li jiġi kkaċċjat.
- L-istaġun tal-kaċċa tal-papri ser jibda fis-16 ta' Marzu 2019 u jagħlaq wara nofs siegħa wara nżul ix-xemx il-Ħadd 19 ta' Mejju 2019.

Il-bidliet rigward l-istaġun tal-kaċċa għall-papri tas-sena 2019 huma minħabba l-kundizzjonijiet xotti li naqsu l-abbundanza tal-papri tal-kaċċa, it-tgħammir u l-abitat madwar il-lvant tal-Awstralja.

Pappri tal-kaċċa li jistgħu jiġu kkaċċjati fis-sena 2019 jinkludu Il-Pacific Black Duck, Mountain Duck, Chestnut Teal, Grey Teal, Pink-eared Duck, Wood Duck u Hardhead. Bi tweġiba għall-fatt li n-numru tagħhom għadu qed jitbaxxa, il-Blue-winged Shoveler ma jistax jiġi kkaċċjat matul l-istaġun tal-kaċċa tal-papri għas-sena 2019.



*Maskili (xellug) u femminili (lemin) tal-Blue-winged Shoveler* ***ma jistgħux jiġu*** *kkaċċjati fis-sena 2019*

Ara li tkun tista' tagħraf il-papri tiegħek fiż-żona. Biex iżżomm il-ħiliet tiegħek ta' kif tidentifikhom, ara l-vidjo tal-GMA (L-Awtorità tal-Ġestjoni tal-Kaċċa) tal-WISE (Identifikazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma, Sigurtà Kaċċa Effettiva u Effiċjenti) tal-Papri fuq il-websajt tal-GMA jew ikseb kopja mill-uffiċċji magħżula li huma mniżżla fuq il-websajt tal-GMA (www.gma.vic.gov.au).

## Ħinijiet ġodda tal-ftuħ – miftuħ matul tmiem il-ġimgħa

Il-ħinijiet tal-ftuħ aktar tard bi prova matul l-ewwel tmiem tal-ġimgħa ser ikompli fis-sena 2019. Fl-ewwel Sibt (16 ta' Marzu 2019), l-istagun ser jiftaħ madwar l-istat **fid-9.00 am**.

Fl-ewwel Ħadd (17 ta' Marzu 2019), il-kaċċa ser tibda madwar l-istat fit-**8.00 am**.

Il-kaċċa tieqaf nofs siegħa wara n-nżul ix-xemx għal kull ġurnata tal-ewwel tmiem il-ġimgħa.

## Ħinijiet tal-kaċċa – il-bqija tal-istaġun

Għall-bqija tal-istaġun, il-kaċċa tal-papri hu permess minn nofs siegħa qabel tlugħ ix-xemx sa nofs siegħa wara n-nżul ix-xemx.

Niżżel il-manwal *Game Hunting in Victoria (Kaċċa tal-Għasafar tal-Kaċċa fil-Victoria)* (www.gma.vic.gov.au) għal dettalji dwar kif tikkalkula dan.

## L-ebda sparar fuq speċi li mhumiex tal-kaċċa

Speċi li mhumiex tal-kaċċa xi kultant jinqatlu meta jiġu identifikati bi żball jew meta jkunu qed itiru fost għasafar tal-kaċċa. Hemm pieni ħorox għall-kaċċa illegali ta' speċi mhumiex tal-kaċċa. Biex tevita l-isparar fuq ispeċi li mhumiex tal-kaċċa:

- identifika b'mod pożittiv li t-tajr fil-mira tiegħek ikun ta' speċi li jgħodd għall-kaċċa.
- ara li l-għasfur jinsab fi ħdan id-distanza tal-ħiliet effettivi tal-isparar tiegħek.
- Immira għall-għasafur weħedhom jew tal-aħħar – tisparax fuq għasafar li jkunu quddiem jew f'qatgħat (dan jista' jidrob għasafar oħra inklużi speċi mhumiex tal-kaċċa).

Il-kaċċaturi għandhom joqgħodu attenti wkoll għall-Freckled Duck (Papra Nemxija (li waqt li tkun qed ittir tixbah lill-Black Duck jew lill-Hardhead) għax hemm projbizzjoni totali fuq il-qbid ta' din l-ispeċi mhedda. Jekk jogħġbok aqra l-Freckled Duck Fact Sheet (l-Fuljett tagħna tal-Fatti dwar il-Papra Nemxija) għal aktar tagħrif f'www.gma.vic.gov.au

## Fejn nista' nikkaċċja l-papri?

Il-kaċċa tal-papri hi permessa fil-foresti tal-Istat, Crown land (artijiet tal-Crown) li mhumiex okkupati u Riżervi Statali tal-Kaċċa. Il-kaċċa hi permessa wkoll fuq Crown land mikrija u liċenzjata jew art privata bil-permess ta' sid il-kera, id-detentur tal-liċenzja jew sid l-art/maniġer rispettivament.

RESPECT HUNT RESPONSIBLY

Hemm biss tlett parks (Gippsland Lakes Coastal Park, Cape Conran Coastal Park and Lake Albacutya Park) fejn il-kaċċa għall-papri hi permessa f'żoni magħżula. Mur fuq il-websajt ta' il-Parks Victoria (www.parkweb.vic.gov.au) għal aktar tagħrif.

Artijiet mistagħdra jistgħu jingħalqu għall-kaċċa f'ċerti ħinijiet biex inħarsu l-konċentrazzjonijiet ta' speċi mhedda jew kolonji ta' għasafar tal-ilma tat-tgħammir. L-artijiet mistagħdra jistgħu wkoll jingħalqu biex jipprovdu kenn għall-għasafar tal-ilma f'kundizzjonijiet niexfa. Il-kaċċaturi għandhom jiċċekkjaw il-websajt tal-GMA għall-aħħar tagħrif.

Game Management Authority

## Ara li jkollok il-liċenzji tiegħek

Il-kaċċaturi kollha, inklużi dawk minorrenni (12-17-il sena), irid ikollhom Game Licence (Liċenzja tal-Kaċċa) valida u approvata biex jikkaċċjaw il-papri. Persuni li għandhom inqas minn 12-il sena ma jistgħux jużaw arma tan-nar u, għalhekk, ma jistgħux jikkaċċjaw jew jieħdu papri tal-kaċċa.

Waqt li tkun qed tikkaċċja l-papri, żomm fuqek il-Game Licence kurrenti tal-kaċċa approvata għall-papri Firearms Licence (l-Liċenzja tal-Armi tan-Nar).

Biex tikseb Game Licence approvata għall-kaċċa tal-papri, il-kaċċatur l-ewwel irid jgħaddi mill-Waterfowl Identification Test (Test tal-Identifikazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma) (WIT). Hemm eżenzjonijiet għat-test għall-Game Licences tal-Minorenni Proviżjonali (Junior Provisional) u ta' Non-resident of Australia (Persuni Mhux Residenti tal-Awstralja). Fiż-żewġ każi, il-kaċċatur ser ikollu bżonn Firearms License relevanti u jrid ikun taħt is-superviżżjoni diretta ta' kaċċatur adult li għandu liċenzja kompluta għall-kaċċa tal-papri. Id-dettalji kollha jistgħu jinstabu fuq www.gma.vic.gov.au

## Konformità mal-liġijiet tal-kaċċa

Hemm pieni ħorox jekk tikser il-liġi li jistgħu jinkludu telf tal-Game u Firearms Licenses tiegħek u/jew l-arma tiegħek tan-nar jew it-tagħmir ieħor tal-kaċċa. Ara li tobdi l-liġijiet tal-kaċċa biex tħares lilek innifsek u l-kaċċa li qed tikkaċċja.

## Regolamenti li daħlu fis-seħħ dan l-aħħar

Ir-Regolamenti li ġejjin daħlu fis-seħħ fis-sena 2018.

Il-kaċċaturi jridu jagħmlu l-isforzi kollha raġjonevoli biex jiġbru minnufih kwalunkwe għasfur tal-kaċċa li twaqqa'. Hekk kif għasfur jitwaqqa', il-kaċċatur irid jiffoka fuq dak l-għasfur biss u jagħmel l-isforzi kollha raġjonevoli biex jiġbru minnufih. Int ma tistax tkompli tispara fuq għasafar oħra. Skont il-liġijiet eżistenti tal-kaċċa, int trid toqtol minnufih kwalunkwe kaċċa li għadha ħajja meta tkun inġabret.

Biex niżguraw li l-għasafar tal-kaċċa ma jkunux moħlija, ir-regolamenti tal-kaċċa issa jeżiġu li l-kaċċaturi isalvaw tal-anqas il-laħam tas-sider minn għasafar maqtula. Jekk kaċċatur jiddeċiedi li ma jridx iżomm u jieħu d-dar l-għasfur tal-kaċċa sħiħ, huma ser jiġu mitluba jieħdu tal-anqas iż-żewġ isdra tal-għasfur tal-kaċċa li huma jkunu qatlu. Il-kaċċaturi jridu jżommu l-isdra tal-għasfur jew tal-papra sakemm immedjatament qabel it-tisjir jew sakemm jittieħdu d-dar.

## Regolamenti importanti li trid tiftakar

### Il-kaċċa fuq art privata u pubblika

Hemm liġijiet tal-kaċċa li japplikaw kemm għall-art privata u kif ukoll dik pubblika. Uffiċjali Awtorizzati jistgħu jidħlu u jinfurzaw il-liġijiet dwar il-kaċċa fuq il-proprejtajiet kollha tal-art.

### Tiri Mhux Tossiċi

L-użu ta' tiri taċ-ċomb għall-kaċċa tal-papri hu projbit madwar il-Victoria kollha. Dan jinkludi kaċċa tal-papri fuq artijiet mistagħdra, passaġġi tal-ilma u art niexfa fuq artijiet pubbliċi u privati (hemm xi eċċezzjonijiet). Uffiċjali Awtorizzati jittestjaw b'mod attiv l-ammunizzjon tas-senter tal-kaċċaturi matul l-istaġun.

### Mhux legali li toqtol iktar papri milli suppost (high-grade)

Il-high-grade li meta int tilħaq il-limitu tal-borża tiegħek imbagħad int tarmi jew tagħti xi papri biex toqtol aktar papri mill-limitu tal-borża f'jum wieħed. Xi kaċċaturi jagħmlu dan meta jkunu jridu joqtlu aktar speċijiet preferiti jew meta jkunu jridu jaqsmu l-borża tagħhom ma' xi ħadd ieħor. Int tista toqtol biss sal-limitu tal-borża ta' jum wieħed u xejn aktar.

### Iż-żamma ta' ġewnaħ bir-rix kollu

Biex naraw li l-Uffiċjali Awtorizzati jkun jistgħu malajr u eżatt jidentifikaw it-tajr tal-ilma kollu li għandek, int trid tħalli ġewnaħ bir-rix kollu fuq kull papra maqtula sakemm immedjatment qabel it-tisjir jew meta il-papra tkun ittieħdet fejn int is-soltu toqgħod.

### Kaċċa minn dgħajsa

Fuq passaġġi tal-ilma (bħal xmajjar, qaliet u passaġġi tal-ilma), **int** tista' tikkaċċja għall-papri minn fuq dgħajsa bil-mutur, bil-veloċità sa ħames knots. Fuq ilmijiet miftuħa (bħal għadajjar jew swompijiet), int **ma tistax** tikkaċċja għal papri minn dgħajsa bil-mutur jekk il-mutur ikun qed jaħdem, kemm jekk ikun fil-gear jew le.

Dawk kollha li jkunu fuq id-dgħajsa jridu jobdu ir-regolamenti tas-sigurtà tad-dgħajjes tal-Marine Safety Victoria (is-Sigurtà tal-Baħar ta' Victoria), inkluż l-obbligu li jilbsu ġkieket tas-salvataġġ mitluba, waqt li jkunu qed jikkaċċjaw għall-papri minn fuq id-dgħajsa. Għal aktar dettalji, mur fuq www.transportsafety.vic.gov.au

## Tejjeb iċ-ċansijiet tiegħek

Biex ittejjeb iċ-ċansijiet tiegħek li ġġib l-għasafar id-dar u tnaqqas ir-riskju li tidrob, ipprattika dan li ġej:

- Ittestja l-mudell tas-senter tiegħek biex tkun żgur li qed tuża ċ-ċowk it-tajjeb u l-kumbinazzjoni tal-iskartoċċ biex tolqot l-għasafar li qed tikkaċċja (ara Tom Roster's Lethality Table fil-manwal tal-*Game Hunting in Victoria*)
- Spara biss fuq għasafar fi ħdan id-distanza skont il-ħiliet effettivi tal-isparar tiegħek (fil-biċċa l-kbira tal-kaċċaturi dan hu fi ħdan 30 metru)
- Ara li jkollok strateġija biex tiġbor l-għasafar u toqgħodx tikkaċċja fejn hu diffiċli tiġbor għasafar li waqgħu
- Uża kelb tal-kaċċa mħarreġ tajjeb biex jiġbor għasafar li waqgħu
- Ara li tipprattika regolarment biex ittejjeb u żżomm il-ħiliet tiegħek tal-isparar
- Il-kaċċaturi jistgħu jniżżlu kopja tal-ktieb bla ħlas ta' *Be a better game bird hunter* (*Ara li tkun kaċċatur aħjar tal-għasafar tal-kaċċa)* u fuljett ta' introduzzjoni mill-websajt tal-GMA. Żur il-paġna tal-Edukazzjoni tal-Isparar bis-Senter f'www.gma.vic.gov.au

- Mur għall-laqgħa Gamebird Hunting Essentials Masterclass (tal-Klassi Għolja Tal-Affarijiet Essenzjali tal-Kaċċa tal-Għasafar tal-Kaċċa) qabel ma tikkaċċja l-papri fis-sena 2019. Inkiteb f'www.gma.vic.gov.au

## Irrapporta kaċċa illegali. Ċempel 136 186

L-imġieba irresponsabbli jew illegali ta' xi wħud tista' toħloq sitwazzjonijiet ta' periklu jew mhux sostenibbli. Hu importanti li l-kaċċaturi jaġixxu b'mod responsabbli u jħeġġu l-bqija tal-komunità jagħmlu dak li hu sew.

Tagħlaqx għajnejk għall-kaċċa illegali. Irrapporta kwalunkwe kaċċa illegali lil GMA permezz tal-websajt tagħha www.gma.vic.gov.au jew lill-Customer Service Centre (liċ-Ċentru tas-Servizz tal-Konsumatur) fuq 136 186 jew billi tikkuntattja lil Crime Stoppers fuq 1800 333 000, jew lill-Victoria Police.

Ippubblikat mill-Game Management Authority Jannar 2019. ©The State of Victoria 2019

Din il-pubblikazzjoni għandha d-drittijiet tal-awtur. L-ebda parti ma tista' tiġi riprodotta bi kwalunkwe proċess barra minn skont il-provvedimenti tal-Copyright Act 1968.

Awtorizzat mill-Game Management Authority, 121 Exhibition Street, Melbourne 3000

ISBN 978-1-925466-38-6 (Ipprintja)
ISBN 978-1-925466-39-3 (pdf/onlajn)

**Ċaħda**

Din il-pubblikazzjoni tista' tgħinek, imma l-Istat ta' Victoria u l-impjegati tiegħu ma jiggarantixxux li din il-pubblikazzjoni hi mingħajr żbalji ta' kwalunkwe tip jew tgħodd kompletament għall-iskopijiet partikulari tiegħek u għalhekk ticħad kwalunkwe responsabbiltà għal kull żball, telf jew konsegwenza oħra li jistgħu jinqalgħu meta int toqgħod għal kwalunkwe tagħrif f'din il-pubblikazzjoni.

Għal aktar tagħrif dwar il-Game Management Authority mur fuq www.gma.vic.gov.au